# L-Istorja Dolorużа ta' Niesna fuq il-Vapur "Gange" fl-1916

## KERĊMIN AVVENTURUŻI LI 100 SENA ILU FETTXEW XORTIHOM FL-AWSTRALJA

Monsinjur Karm Borg

Sa minn eluf ta' snin ilu, il-gżira ċkejkna ta' Għawdex kienet il-post ta' emigrazzjoni u immigrazzjoni. Nies ġejjin biex jgħixu hawn u oħrajn sejrin minn hawn ifittxu x-xogħol f'xi art barranija. Il-poplu Għawdxi huwa poplu mobbli ħafna, u matul is-sekli nfirex f'bosta pajjiżi madwar id-dinja. Hekk pereżempju fl-Awstralja hemm madwar 40,000 Għawdxi; fl-Istati Uniti hemm madwar 15,000 u fil-Kanada hemm madwar 9,000. U dan biex ma nsemmix pajjiżi oħra bħalma huma l-Ingilterra, Franza, u pajjiżi oħra madwar il-Mediterran.

Fil-bidu tas-seklu dsatax Malta kienet saret kolonja tal-Imperu Ingliż. Dak iż-żmien infetħu ħafna opportunitajiet għall-poplu tagħna għaliex allura l-Maltin u l-Għawdxin kienu saru sudditi Ingliżi b'ħafna drittijiet, fosthom l-aċċessibilta` f'kull kolonja Ingilża.

### KERĊMIN LI ĦALLEW RAĦALNA JFITTXU X-XOGĦOL

L-ewwel Kerċmin, ulied il-Parroċċa ta' San Girgor, li ħallew Għawdex biex jaqilgħu għajxien għall-familji tagħhom aktarx li marru Malta – emigrazzjoni nterna. Dakinhar ma kinux imorru u jiġu kuljum. Mhux rari li persuni singoli kienu jdumu xhur u snin ma jerġgħu lura Għawdex. Kienu qishom imsefrin f'art barranija. It-trasport bejn il-gżejjer ma kienx dak li hu llum. Mill-*Istatus Animarum* li sar mill-ewwel kappillan, Dun Ġużepp Vella, f'April 1886, inqas minn sena wara l-erezzjoni tal-Parroċċa, jirriżulta li lejn tmiem is-seklu dsatax kien hemm diversi persuni li marru Malta jfittxu x-xogħol. Xi wħud sabu x-xogħol u ssetiljaw hemm, xi drabi familji sħaħ ittrasferew ruħhom u baqgħu jgħixu Malta. Xi xebbiet marru Malta bħala sefturi f'familji għonja. (Ara: (A)rkivju (P)arrokkjali (K)erċem, *Status Animarum 1886.* p.40.)

Hawn għall-ewwel bdew isibu xogħol fl-ibliet bħall-Alġier, Oran, Bougie, u Bona. Maż-żmien infiltraw fil-kampanja fejn akkwistaw u ħadmu art li kienet ilha snin twal mitluqa. Ħasra li fil-biċċa l-kbira tal-każi ta' ħutna emigranti Kerċmin li jissemmew fl-*iStatus Animarum 1886*, il-kappillan ma kienx jindika l-pajjiż fejn kienu emigrati. Żgur kien ikun iktar interessanti. Xi darba kien jindika l-pajjiż fejn emigraw, bħal fil-każ tal-familja ta' Antonio Attard imlaqqam "tan-Nukkax", li fiż-żmien kienet toqgħod fi *Strada S. Gregorio – Vicolo 1No.56D* (Sqaq 1, Nru.56D, Triq S. Girgor), li sabet ruħha f'Bona. Antonio Attard li kellu 33 sena kien miżżewweġ lil Ġużeppa mwielda Caruana ta' 28 sena li kellhom erba' wlied: Maria (8 snin), M'Ang (6 snin), Ġużeppi (4 snin), u Lorenzo (6 xhur). (Ara: APK, *Status Animarum 1886*, p.14).


Antonio Attard marito e
Giuseppa nata Caruana moglie, hanno questi figli
Maria Attard
M. Angelo Attard
Giuseppe Attard
Lorenzo Attard


Tannukkax 33 an. adempì: buona.
" 28 an. adempì altrina.
" 8 an.
" 6 an.
" 4 an.
" 6 mesi
Tutta questa famiglia si trasportò all'estero Bona.

*Estratt mill-Istatus Animarum tas-sena 1886*

Imma oħrajn, ġeneralment irġiel, marru barra minn Malta. F'diversi każi l-Kappillan Vella kien jagħmel nota żgħira wara isimhom, sempliċement, *all'estero,* biex jindika li dik il-persuna kienet imsiefra. Ta' min jgħid li wara li Franza invadiet l-Alġerija fis-seklu 19, gruppi ta' Maltin u Għawdxin u oħrajn minn pajjiżi oħra Ewropej bdew isiefru lejn l-Afrika ta' Fuq.

### ĠRAJJA NFAMI

Mhux fi ħsiebi nagħmel studju dwar l-istorja sħiħa tal-emigrazzjoni tal-Kerċmin. Din kieku tkun interessanti ħafna. Hawn ser nillimita ruħi għal episodju wieħed li jirrakkonta ġrajja li seħħet eżatt mitt sena ilu, ġrajja li kważi kulħadd insieha, il-ġrajja tal-Għawdxin ta' New Caledonia. Din hija l-istorja dolorużа ta' missirijietna li nhar it-12 ta' Settembru 1916, ħallew xtut pajjiżna



*Mappa li turi l-kontinent Awstraljan u l-gżira ta' New Caledonia (imdawra b'ċirku) fost gżejjer oħra*

biex imorru jaqilgħu biċċa ħobż 'l bogħod minn gżiritna ħalli mill-Awstralja jkunu jistgħu jmantnu lill-familji tagħhom. Dakinhar 214 emigranti Maltin – hemm min jgħid li kienu madwar 240 (Maurice N. Cauchi, "Maltese Migrants In Australia", 1990, p.7) – il-biċċa kbira tagħhom bdiewa Għawdxin, sabu ruħhom fuq il-vapur Franċiż "Gange" fi triqthom lejn l-Awstralja. Kif waslu hemm, pero` sabu li kien hemm ħafna rewwixti kontra l-emigrazzjoni. L-*Unions* tal-ħaddiema kienu daħħluha f'rashom li dawn l-emigranti kienu ser jieħdu x-xogħol ta' dawk l-Awstraljani li kellhom imorru jiġġieldu fil-gwerra. Ma ninsewx li dan kien fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinija (1914-1918). Ta' min jgħid li qabel dawn diġa` kienu marru l-Awstralja għadd ta' Maltin u Għawdxin fuq il-vapur "Arabia". Dawn, imkabbrin bil-passaport Ingliż f'idejhom, niżlu l-art mingħajr diffikultajiet kbar. Imma mhux hekk ġara fil-każ tal-"Gange".

Wara vjaġġ twil u skabruż – kellhom xorti kbira li għerqux – waslu Freemantle fil-21 ta' Ottubru, 1916. Wara jumejn weqfin fil-port ta' Freemantle l-kaptan kien ordnat ikompli fi triqtu lejn Melbourne. Imma anke hawn il-*Unions* komplew jipprotestaw b'qawwa kbira kontra l-iżbark tal-emigranti Maltin. U hawn, f'tentattiv biex jaraw kif jeħilsu minnhom, ġegħeluhom joqgħodu għal test li flok sar bl-Ingliż sar bl-Olandiż. Naturalment kulħadd weħel. B'din l-iskuża ma ħallewhomx jinżlu minn fuq il-vapur.

### 44 EMIGRANT JGĦUMU LEJN IX-XTAJTA

Għal darb'oħra l-vapur kien ordnat li jitlaq lejn Sydney. U hawn wasal fil-5 ta' Novembru, kważi xahrejn wara li kien telaq minn Malta. Anke hawn għal darb'oħra l-emigranti ma tħallewx jinżlu. Sa għassa militari għamlu fuq il-vapur biex ħadd ma jazzarda jaħrab. Imma hawn 44 mill-emgranti, ddisprati kif kienu, qabżu l-baħar u għamu sax-xtajta. X'uħud irnexxielhom, imma oħrajn inqabdu u ġew arrestati bħala imigranti illegali. Ġew mitfugħin il-ħabs. Sadanittant wieħed jista' jifhem minn liema martirju kienu għaddejjin dawk ħutna li baqgħu fuq il-vapur "Gange" wara vjaġġ enormi. Il-futur tagħhom deher inċert għall-aħħar.

L-awtoritajiet ma kinux jafu x'ser jaqbdu jagħmlu b'dawn il-Maltin. Perss li l-vapur kien Franċiż, iddeċidew li jibgħatuhom f'Noumea, New Caledonia. Din kienet kolonja Franċiża. Il-"Gange" ħalla l-port ta' Sydney fit-12 ta' Novembru, eżattament xahrejn wara li kien ħalla Malta, u salpa għal Noumea, fejn il-Maltin ġew alloġġjati.

Wara ħafna negozjati, dawn l-emigranti sabu ruħhom għal darb'oħra fuq vapur ieħor, is-"St Louis", fi triqthom lura lejn Sydney. Meta waslu hawn fil-port ta' Sydney ġew trasferiti għal fuq vapur qadim li kien ankrat hemm. U hawn għal xhur sħaħ inżammu arrestati sakemm jinstab vapur li jġibhom lura lejn Malta. Fuq din id-dgħajsa kollha sadid, dawn ħutna sfortunati kellhom jagħmlu esperjenza ġdida tas-sajf qalil Awstraljan.

### DAĦLU L-AWSTRALJA BIS-SAĦĦA TA' QASSIS MALTI

Kien hawn li quddiem it-tbatija ta' dawk l-imigranti, xi filantropisti, imħeġġa mill-qassis Malti Fr. William

Bonett li fl-1915 kien akkompanja grupp ta' emigranti minn Malta lejn l-Awstralja (Ara: Barry York, "The Maltese in Australia" Melbourne, 1986, p.54), qajmu kuxjenza fost il- komunita` Awstraljana favur dawn ħutna li bil-passaport Ingliż f'idejhom kienu ħallew pajjiżna biex jaqilgħu biċċa ħobż għall-familji tagħhom li ħallew ġewwa Malta. L-istampa Awstraljana għamlet il-parti tagħha sew. Ħafna kitbu favur il-Maltin li wara kollox kienu immigranti legali, sudditi Ingliżi, u ċittadini ta' pajjiż li kkontribwixxa ħafna u ta assistenza kbira lis-suldati Awstraljani feruti f'Gallipoli propju ftit tax-xhur qabel – pajjiż li l-editur tas-"Sydney Morning Herald" sejjaħlu bħala "Australian Citadel".

Is-simpatija tal-pubbliku ġenerali u l-appelli li saru minn diversi personalitajiet għenu ħafna biex il-Gvern eventwalment ippermetta li l-Maltin jinżlu l-art. U hekk dawn ħutna wara sitt xhur li għaddew f'taqtigħ il-qalb, fit-13 ta' Marzu 1917, wara vjaġġ avventuruż, tawhom permess li jinżlu Sydney fejn bosta minnhom sabu xortihom, u mhux biss taw prova ta' ħilithom imma ġew meqjusa fost l-aħjar immigranti li qatt rifsu f'dak il-kontinent kbir.

**ISEM Il-KERĊMIN F'DIN L-AVVENTURA**

Fost il-protagonisti ta' din il-grajja, ċertament l-iktar waħda doloruża fl-istorja tal-emigrazzjoni tal-Maltin lejn l-Awstralja, kien hemm nies mill-parroċċa ta' Kercem. X'uħud kienu mill-irħajjel ta' Santa Luċija. Dwar dawn tal-aħħar diġa` kiteb iktar minn darba l-kompajżan tagħna Joe Mizzi. Mizzi, fir-riċerki tiegħu, irrnexxielu jagħti tagħrif ġdid konness ma' din il-ġrajja fejn jirrigwarda l-parroċċa tagħna, u l-iktar lil Santa Luċija.(Ara: r-rivista "Santa Luċija V.M.", snin 2006 p.13; 2008 p.25; 2010 pp.18-19). Għalhekk, ħsibt li f'dan l-artiklu jiena nsemmi persuni oħrajn, Kerċmin bħalna, li propju mitt sena ilu, fis-sena 1916, fl-eqqel tal-Ewwel Gwerra Dinjija, ħallew xtut gżiritna biex fetttxew xortihom fl-Awstralja.

Fil-ktejjeb "Il-Ballata tal-Maltin ta' New Caledonia", ippublikat minn Frank Zammit, [it-Tieni edizzjoni, (1988)], wieħed jista jsib lista' tal-ismijiet tal-passiġġieri – Zammit isemmi 214 – li ħadu sehem fl-avventura tal-"Gange" fis-sena 1916. Barra l-ismijiet tal-persuni involuti, f'ħafna każi, jissemmew il-belt jew raħal mnejn kienu ġejjin, u saħansitra l-laqam tal-familja. Il-biċċa l-kbira kienu Għawdxin mill-irħula tal-Għarb, San Lawrenz, Triq tal-Għajn, Żebbug, Xagħra, Rabat, Xewkija, Għasri. F'din il-lista twila jissemmew fost l-oħrajn ħames persuni li jidentifikaw ruħhom bħala Kerċmin u tnejn oħra (Ġużepp Stellini u Lorenzo Stellini) li rraportaw li huma minn Santa Luċija, Għawdex, u allura mill-parroċċa ta' Kerċem. Illum kollha mejtin. X'uħud niftakarhom ħajjin. Ħa nagħmilha ċara mill-bidu. Jien naħseb li kien hemm iktar, imma għal xi raġuni, id-dettalji dwarhom fil-lista ppubblikata minn F. Zammit, huma nieqsa. U jekk xi ħadd għandu xi informazzjoni rilevanti biex nidentifikaw xi persuna/persuni oħra minn Ta' Kerċem li kienu fost dawn l-emigranti, napprezza ħafna li jgħaddihieli għal xi użu li nista` nagħmel minnha fil-ġejjieni. Jien għamilt tentattiv ta' riċerka imma ma rnexxilix nasal għal informazzjoni ċerta. U allura qed nillimita ruħi billi nagħmel riferenza għall-lista ppubblikata minn Zammit, li semmejt iktar 'il fuq.

L-ismijiet fil-lista jidhru f'ordni alfabetiku, u jien hawn ukoll ser insemmi l-Kerċmin li kellhom sehem f'din l-avventura bl-ordni kif jidhru f'din il-lista:

(NOTA: *Fejn tidher xi informazzjoni oħra wara l-ismijiet li jidhru hawn taħt, oltre l-isem u l-laqam tal-persuna, dik hi xogħol tar-riċerka tiegħi kif jirriżulta mis-sorsi li għalihom jien għamilt riferenza, u cioe` ma tidhirx fil-lista ta' Zammit*).

**Buhagiar Daniel** bil-laqam tal-familja "ta' Pantu".

**Buhagiar M'Angelo** imlaqqam "Is-Sangilott". Dan Mikelanġlu nafu li qabel emigra lejn l-Awstralja kien diġa` għamel xi żmien imsiefer fl-Afrika. Nafu li fl-1921 kien reġa' qed jgħix f'Ta' Kerċem (ara: APK, *Status Animarum 1917, Foglio No. 145).*

**Calleja Gregorio** imlaqqam "ta' Anġielka". Dan żgur li kien diġa` reġa' lura Għawdex fis-sena 1923 (APK, *Status Animarum 1917, Foglio No. 85).*

**Calleja Salvu**, imlaqqam "ta' Anġielka". Dan kien ħu Gregorio imsemmi qablu. Salvu Calleja żgur li kien diġa reġa' lura mill-Awstralja fis-sena 1922. (APK, *Status Animarmum1917, Foglio No. 158)*. Dwar il-mawra ta' Salvu Calleja fl-Awstralja u l-avventura tal-"Gange", insibu diversi riferenzi fil-ktieb "Maria Calleja's Gozo. A Life History", edittjat minn Micheline



Salvu Calleja meta kien fl-Awstralja

Galley, ippublikat fl-1994. Marija Calleja, li f'dan il-ktieb tirrakkonta l-istorja ta' ħajjitha, hija bint Salvu Calleja u Ganna Rosa mwielda Buhagiar (oħt Daniel u M'Anġelo Buhagiar), l-ewwel tnejn imsemmijin fost l-emigranti Kerċmin.

**Debrincat Joseph** imlaqqam "in-Naħli".

**KONKLUŻJONI**
**Żewġ Riflessjonijiet**

- Fil-fehma tiegħi, isem dawn ħutna Kerċmin ma għandux jintesa. Għall-imħabba tal-familji tagħhom, dawn għamlu sagrifiċċji erojċi li bla dubju jistgħu ikunu għalina llum xempju ta'dedikazzjoni għall-familja, u forsi ċanfira għal dawk il-ġenituri li fiż-żminijiet tagħna, għal xi ħaġa trivjali, jitilqu l-familji tagħhom u jabbandunaw lill-uliedhom.

- Dan l-avveniment doloruż fl-istorja tal-emigrazzjoni tal-antenati tagħna, iġibli quddiem għajnejja dawk l-eluf ta' immigranti li llum qed ifittxu kenn fl-Ewropa. Iħallu pajjiżhom, jissugraw ħajjithom biex isibu ħajja aħjar, iktar umana.... U mhux rari li jsibu l-bibien magħluqa! L-istorja tgħallimna...L-istorja tirrepeti ruħha!




*B'rikonoxximent għal "The Times of Malta" u Marlon George Grech għal xi uħud mir-ritratti*

